

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EC) Nru 527/2003**  
**tas-17 ta' Marzu 2003**

li jawtorizza l-offerta u l-konsenja għal konsum dirett uman ta' ċerti nbejjed importati mill-Arġentina li setgħu li kienu għaddew minn proċess oenoloġiku li ma hemmx provvedimenti dwaru fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999

(ĠU L 78, 25.3.2003, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1776/2003 tad-29 ta' Settembru 2003	L 260	1	11.10.2003
► <b><u>M2</u></b>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2067/2004 tat-22 ta' Novembru 2004	L 333M	217	11.12.2008
► <b><u>M3</u></b>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1912/2005 tat-23 ta' Novembru 2005	L 352M	355	31.12.2008
► <b><u>M4</u></b>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/2007 tas-7 ta' Mejju 2007	L 123	1	12.5.2007

Ikkoreġut minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 51M, 24.2.2009, p. 75 (2067/2004)

▼ **B****IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EC) Nru 527/2003**

tas-17 ta' Marzu 2003

li jawtorizza l-offerta u l-konsenja għal konsum dirett uman ta' ċerti nbejjed importati mill-Arġentina li setgħu li kienu għadew minn proċess oenoloġiku li ma hemmx provvedimenti dwaru fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1493/1999 tas-17 Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid <sup>(1)</sup> u partikolarment l-Artikolu 45(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 joffri l-possibbiltà ta' l-adozzjoni ta' derogi għal prodotti mportati li jkunu għadew minn prattiċi oenoloġiċi li ma humhiex awtorizzati bir-regoli tal-Komunità.
- (2) Inbejjed prodotti fit-territorju ta' l-Arġentina jistgħu jkunu suġġetti għal aċidifikazzjoni bl-aċidu maliku, prattika oenoloġika li ma hix awtorizzata bir-regoli tal-Komunità.
- (3) Bħal issa għaddejn negozjati bejn il-Komunità, irrapreżentata mill-Kummissjoni, u l-Arġentina, dwar ftehim fuq il-kummerċ fl-inbid. Dawn jinvolve partikolarment il-proċessi oenoloġiċi rispettivi taż-żewġ Partijiet u l-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi.
- (4) Bil-għan li jkun assigurat il-progress bla xkiel ta' dan in-negozjati, deroga li tippermetti ż-żieda ta' l-aċidu maliku ma nbejjed prodotti fit-territorju ta' l-Arġentina w importati fil-Komunità għandhom ikunu awtorizzati fuq bażi transizzjonali sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jirriżulta min-negozjati msemmija hawn fuq, imma mhux aktar mit-30 ta' Settembru 2003.
- (5) La darba l-inbid ta' l-Arġentina li fih l-aċidu maliku diġa jinsab fit-territorju tal-Komunità, l-applikazzjoni ta' deroga għal dawn l-inbejjed għandha tkun estiża,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Bħala deroga mill-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, prodotti li jidħlu taħt il-kodiċi NM 2204 10, 2204 21, 2204 29 u 2204 30 10 u derivati minn għeneb maħsud u vviniġat fit-territorju ta' l-Arġentina li miegħu l-aċidu maliku jkun ġie miżjud matul l-operazzjonijiet tal-manifattura b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Arġentina jistgħu jkunu offruti jew ikkonsenjati għal konsum dirett uman fil-Komunità.

▼ **M1**

Madankollu, din l-awtorità għandha tkun valida biss sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li ntlaħaq fit-taħditiet ma' l-Arġentina rigward ftehim fil-kummerċ ta' l-inbid li jinvolve metodi oenoloġiċi partikolari u l-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi, u mhux aktar tard mit-  
► **M4** 31 ta' Diċembru 2008 ◀.

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2585/2001 (ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 10).

**▼B**

Din l-awtorizzazzjoni għandha wkoll tkopri l-inbejjed ta' l-Arġentina referuti f'dan il-paragrafu li huma mportati fil-Komunità sa mill-1 ta' Jannar 2001.

2. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu li joffru jew li jikkonsenjaw għal konsum dirett u man l-inbid derivat mill-għeneb maħsud u vviniifikat fit-territorju ta' l-Arġentina b'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ f'dak il-pajjiż fuq il-bażi li l-aċidu maliku jista jkun ġie miżjud miegħu.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.